Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# KUMPILAZZJONI NRU 377/2020: IL-PULIZIJA (SPETTUR MARIO XIBERRAS, SPETTUR JOANNA PISCOPO) V. KEITH FELICE (KI. 422289M)

MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**8 ta' Novembru 2021**

IL-QORTI,

wara li rat l-imputazzjonijiet maħruġa kontra Keith Felice, detentur tal-karta tal-identità numru 422289M imwieled il-Pietà fit-13 ta' Settembru 1989 u residenti Ħal Tarxien ("l-Imputat" jew "id-Difiża"),

wara li rat is-sentenza ta' din il-Qorti, diversement presjeduta, tat-28 ta' Jannar 2021[1],

wara li rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) tal-4 ta' Mejju 2021 li permezz tagħha *inter alia* dik il-Qorti iddeċidiet li tannulla s-sentenza appellata u ordnat r-rinviju tal-atti lil din il-Qorti sabiex l-appellant jerġa jitpoġġa fil-pożizzjoni li kien immedjatament qabel ma' ġiet pronunzjata s-sentenza appellata w biex terġa tingħata sentenza mill-ġdid skond il-liġi[2],

wara li rat id-digriet ta' din il-Qorti diversement presjeduta tat-13 ta' Mejju 2021 li permezz tiegħu astjeniet milli tkompli tieħu konjizzjoni ta' din il-kawża u bagħtet l-atti tagħha lir-Reġistratur sabiex jiġu assenjati skond il-liġi[3],

[1] Fol 147
[2] Fol 175
[3] Fol 195

wara li rat li l-atti ta' din il-kawża ġew sussegwentement assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta permezz tal-Ordni tal-Onor. Prim Imħallef tat-18 ta' Mejju 2021[4],

wara li żammet seduta fit-30 ta' Lulju 2021 li matulha l-Qorti laqgħet it-talba tad-Difiża sabiex jitħejja rapport ta' qabel is-sentenza ai termini tal-Art. 6(1) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta,[5]

wara li żammet seduta fit-28 ta' Ottubru 2021 li matulha xehdet l- Uffiċjal tal-*Probation* Carmen Nygaard u ġie ippreżentat fil-Qorti r-rapport imsemmi,[6]

wara li rat l-atti u d-dokumenti kollha,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Il-Pulizija ressqet lill-Imputat bis-segwenti imputazzjonijiet u ċioe talli:

    1. nhar it-8 ta' Awwissu 2020 bejn 13:00 hrs u 13:15 hrs fi Triq l-Iskola, Tarxien u/jew ġewwa l-viċinanzi ikkommetta serq ta' flus kontanti li l-ammont huwa ta €60, u pakkett sigaretti, li l-valur taghhom mhux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232,94) liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza u bil-mezz u li sar għad-dannu ta' Lindsay Magri u/jew ta' persuni oħra;

    2. nhar it-8 ta' Awwissu 2020 bejn 13:00 hrs u 13:15 hrs fi Triq l-Iskola, Tarxien u/jew ġewwa l-viċinanzi, bla ordni skond il-liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Lindsay Magri kontra l-volonta' tagħha u dan bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra u/jew biex tkun mġiegħla taċċetta li tagħmel xi trasferiment ta' ħwejjiġha;

    3. nhar it-8 ta' Awwissu 2020 bejn 16:00 hrs u 16:30 hrs fi Triq id-Dugħ, Marsaskala u/jew ġewwa il-viċinanzi ikkommetta serq ta' *mobile* tal-għamla iPhone u xi oġġetti oħra li l-valur tagħhom mhux iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, u bil-valur li sar għad-dannu ta' Nicole Rose Caruana u/jew ta' persuni oħra;

---

[4] Fol 196
[5] Fol 216
[6] Fol 226-249

4. nhar it-8 ta' Awwissu 2020 bejn 16:00 hrs u 16:30 hrs fi Triq id-Dugħ, Marsaskala u/jew ġewwa il-viċinanzi bla ordni skond il-liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Nicole Rose Caruana kontra l-volonta' tagħha u dan bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra u/jew biex tkun mġiegħla taċċetta li tagħmel xi trasferiment ta' ħwejjiġha;

5. nhar it-8 ta' Awwissu 2020 bejn 13:00 hrs u 13:15 hrs u 16:00 hrs u 16:30 hrs f' dawn il-Gżejjer Maltin żamm, ġarr, uża, akkwista jew kien fil-pussess ta' arma projbita (Stun gun) waqt li kien qed jagħmel reat kontra persuna, jew waqt li kien qed jisraq lil Lindsay Magri u lil Nicole Rose Caruana.

6. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi irrenda ruħu riċediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu.

2. Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex f' każ ta' ħtija barra l-piena skond il-liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x' jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412 C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta għas-sigurtà ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

4. Fis-seduta tat-3 ta' Diċembru 2020 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja, l-imputat irreġistra ammissjoni u kkonfermaha anke wara li l-Qorti tagħtu ċans jerġa lura minnha.[7] Kien għalhekk li fit-28 ta' Jannar 2021 dik il-Qorti kkonvertiet ruħha f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u għaddiet għas-sentenza segwenti:

*"il-Qorti wara li rat Artikoli 7, 31, 49, 50, 86, 87 (1) (c) (e), 261 (a) (b) (c), 262 (1) (b), 263 (b), 267, 275, 277 (b) 279 (a), 280 (2) u 289 tal-Kapitolu 9 u Artikolu 51 (1) (a) u Skeda 1 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Keith Felice hati tal-*

[7] Fol 118A

*imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannaħ ghal hames (5) snin prigunerija effettiva.*

*Ai termini ta' l-Artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna l-konfiska tal-corpus delicti u cioe' l-Stun Gun.*

*Ai termini ta' l-Artikolu 412 C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti qed torbot lil hati Keith Felice b' Ordni ta' Protezzjoni ghal zmien hames (5) snin mill-lum ghall-protezzjoni ta' Lindsay Magri u Nicole Rose Caruana. Il-Qorti fissret lill-imputat Keith Felice bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' Protezzjoni u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.*

*Illi rigward it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex taghti garanzija fil-konfront tal-parte civile ai termini tal-Artikoli 383, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li tali talba hija gustifikata stante is-sejba ta' htija fil-konfront tal-imputat u ghalhekk qed torbot lill-hati Keith Felice b' garanzija personali ta' elfejn Euro (€2,000) ghal zmien sena, minn meta il-piena moghtija tkun giet skuntata, u dan billi ma jimmolestax, ma jdejjaqx u ma jingurjax lil parte civile Lindsay Magri u Nicole Rose Caruana.*

*Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni maghmula ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tinnota illi fil-kawza odjerna ma nhatar l-ebda espert, u ghalhekk m' hemmx spejjez x' jithallsu mill-imputat li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti f' dawn il-proceduri."*

5. Is-sentenza ġiet appellata mill-imputat u permezz tas-sentenza tagħha tal-4 ta' Mejju 2021, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) *inter alia* iddeċidiet kif ġej: *"Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant limitatament u tannulla s-sentenza appellata w, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-"doppio esame", qed tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex l-appellant jerga' jitpogga fil-pozizzjoni li kien immedjetament qabel ma giet pronunzjata s-sentenza appellata w biex terga' tinghata sentenza mill-gdid skond il-ligi."*[8]

[8] Fol 175

6. Is-sentenza tal-Ewwel Qorti ġiet annullata għaliex fid-*decide* tagħha din il-Qorti fis-sejbien ta' ħtija taħt il-ħames imputazzjoni naqset milli tiċċita l-artikolu tal-liġi li jikkontempla r-reat (ċioe l-Art. 3 tal-Kap. 480) u dan bi ksur tal-Art. 382 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

7. Fit-13 ta' Mejju 2021, din il-Qorti diversement presjeduta, ħarġet digriet li permezz tiegħu astjeniet milli tkompli tieħu konjizzjoni ta' dawn l-atti u bagħtithom lir-Reġistratur sabiex jiġu assenjati skond il-liġi[9]. L-atti imbagħad ġew sussegwentement assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta permezz tal-Ordni tal-Onor. Prim Imħallef tat-18 ta' Mejju 2021[10].

8. Il-Qorti żammet seduta fit-30 ta' Lulju 2021 u matulha laqgħet it-talba tad-Difiża sabiex jitħejja rapport ta' qabel is-sentenza ai termini tal-Art. 6(1) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta[11].

9. Fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2021 xehdet l- Uffiċjal tal-*Probation* Carmen Nygaard u din ippreżentat fil-Qorti l-*pre-sentencing report* li ġie redatt minnha[12]. Minn dan ir-rapport joħroġ b'mod emfatiku illi l-imputat "mexa b'passi ta' ġgant rigward ir-riabilitazzjoni tiegħu kontra l-abbuż tad-droga" u li ilu iktar minn sena mingħajr ma' jmiss sustanzi llleċiti. Huwa persuna bieżla u għandu impjieg *full-time.* Huwa għandu ukoll is-sapport tal-familja tiegħu u tas-sieħba u tal-familja tagħha.[13]

10. Huwa veru illi fis-sentenza tagħha l-Qorti tal-Appell rrinvijat l-atti lil din il-Qorti sabiex l-appellant jerga' **jitpogga fil-pozizzjoni li kien immedjetament qabel ma giet pronunzjata s-sentenza appellata** w biex terga' tinghata sentenza mill-gdid skond il-ligi. Il-Qorti tqis illi l-piena erogata minn din il-Qorti fis-sentenza li ġiet imħassra kienet waħda korretta u entro l-parametri tal-liġi. Filfatt anqas kienet viċin tal-massimu li setgħet tiġi imposta. Madanakollu għalkemm laħqu għaddew biss ftit xhur mill-għoti tas-sentenza oriġinali (u ftit iżjed minn sena mid-data tal-kummissjoni tar-reati addebitati lilu) l-ġustizzja vera titlob illi l-Qorti f'dan l-istadju tqis kollox inkluż kwalunkwe bidla fiċ-ċirkustanzi soċjali tal-imputat.

---

[9] Fol 195
[10] Fol 196
[11] Fol 216
[12] Fol 226-249
[13] Fol 233

11. Kif intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tad-19 ta' Jannar 2012 fl-ismijiet: '**Il-Pulizija v. Omissis, George Degabriele**' (App. Krim. 54/2010)

    *"Dawn il-Qrati qatt ma jiehdu gost jibghatu nies il-habs u dan jaghmluh meta l-istess akkuzati jew imputati ikunu rabtu idejn il-Qorti b'tali mod illi ma jkunx hemm ghazla ohra. Madanakollu, anke f'kaz ta' kriminal inkallit, meta l-Qorti tara xaqq ta' dawl jew dak li huwa maghruf bhala "window of opportunity", tahtaf din l-opportunita u fejn jista' jkun tevita l-habs u tati opportunita lil dak li jkun jirriforma ruhu barra mill-konfini tal-Facilita' Korrettiva*"

12. Il-Qorti tara li f'dan il-każ hija tista' tarah dan ix-xaqq ta' dawl u tħoss li jkun nuqqas min-naħa tagħha jekk, safejn tista' tagħmel dan, ma' tadottax r-rakomandazzjonijiet tal-probation officer Carmen Nygaard u cioe` li tingħata Ordni ta' Probation u Servizz skond l-Artikolu 18 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Deċiżjoni**

13. **Għal dawn ir-raġunijiet wara li rat l-artikoli relevanti tal-liġi l-Qorti:**

    1. **issib lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni (Art. 261(a), 261(b), 262(1)(b), 263(b), 277(b) tal-Kodiċi Kriminali), tat-tieni imputazzjoni (Art. 86, 87(1)(c), 87(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali), tat-tielet imputazzjoni (Art. 261(a), 261(b), 261(c), 262(1)(b), 263(b), 267 280(2) tal-Kodiċi Kriminali), tar-raba' imputazzjoni (Art. 86, 87(1)(c), 87(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali) u tal-ħames imputazzjoni (Art. 3(a) tal-Kap. 480),**

    2. **tiddikjarah reċidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,**

    3. **fir-rigward tal-ewwel erba' imputazzjonijiet minflok tinfliġġi piena karċerarja qed tapplika d-disposizzjonijiet tal-Art. 18 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta billi tordna l-ħruġ ta' *Combination Order* ossia' Ordni ta' Probation għal perjodu ta' tlett snin flimkien ma' Ordni ta' Servizz fil-Kommunita għal perjodu ta' mitt siegħa taħt il-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet anness. Il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-Ordni ta' Probation u tal-Ordni tas-Servizz fil-Komunita' u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew**

**f'każ li jagħmel reat iehor tul it-terminu ta' l-ordnijiet, jista' jingħata sentenza għar-reati li taghhom nstab ħati b'din is-sentenza,**

4. **fir-rigward tal-ħames imputazzjoni stante illi ai termini tal-Artikolu 61 tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta, d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation ma' japplikawx għall-ebda reat kontra xi dispożizzjoni ta' dak l-Att, qed tikkundanna l-imputat għal piena karċerarja ta' tlett xhur. F'dan ir-rigward però bl-applikazzjoni tal-Art. 22 tal-Kap. 9 peress illi l-imputat diġa skonta iżjed minn tlett xhur taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' din il-kawża, effettivament huwa diġa skonta din il-piena u għalhekk sejjer jiġi rilaxxjat b'effett immedjat. Il-Qorti qegħda ukoll ai termini tal-Art. 56 tal-Kap. 480 tordna l-konfiska tal-arma użata fir-reati in kwistjoni,**

5. **fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex jiġu applikati l-Art. 383, 384, 385 u 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tara li Ordni ta' Trażżin taħt l-Art.382A huwa dak li effettivament jagħmel l-iżjed sens fiċ-ċirkustanzi u għalhekk qed tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin kontra l-imputat a favur Lindsay Magri u Nicole Rose Caruana għal perjodu ta' tlett snin taħt il-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet anness. Il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti ta' din l-Ordni u l-konsegwenzi legali f'każ li huwa jikser xi kundizzjoni tad-digriet imsemmi. Il-Qorti ordnat ukoll li din l-Ordni tiġi kkomunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija,**

6. **finalment fir-rigward tat-talba għall-ħlas tal-ispejjeż li għandhom x' jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, tiċħadha stante illi ma' tqabbdu l-ebda esperti.**

**Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-procedimenti u kopja ta' din is-sentenza jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali fiż-żmien mogħti mill-Liġi.**

**V.G. Axiak** | **Y. M. Pace**

**Maġistrat** | **Dep. Reġistratur**

Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## KUMPILAZZJONI NRU 377/2020: IL-PULIZIJA (SPETTUR MARIO XIBERRAS, SPETTUR JOANNA PISCOPO) V. KEITH FELICE (KI. 422289M)

MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**8 ta' Novembru 2021**

IL-QORTI,

wara li rat li fis-sentenza tagħha tat-8 ta' Novembru2021 hija sabet lill-imputat ħati iżda fir-rigward tal-ewwel erba' imputazzjonijiet minflok imponiet piena karċerarja għażlet illi *inter alia* tapplika d-disposizzjonijiet tal-Art. 18 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta billi tordna l-ħruġ ta' Combination Order ossia' Ordni ta' Probation għal perjodu ta' tlett snin flimkien ma' Ordni ta' Servizz fil-Kommunita għal perjodu ta' mitt siegħa,

wara li rat li qabel ma' ħarġet tali ordni, il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-Ordni ta' Probation u tal-Ordni tas-Servizz fil-Komunita' u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat iehor tul it-terminu ta' l-ordnijiet, jista' jingħata sentenza għar-reati li taghhom nstab ħati bis-sentenza msemmija,

wara li rat li l-ħati esprima r-rieda tiegħu illi jikkonforma mal-kundizzjonijiet elenkati f'din l-ordni,

qed tagħti din l-

### Ordni ta' *Probation*

taħt il-kundizzjonijiet segwenti:

1. L-Ordni hija għall-perjodu ta' **tlett (3) snin** mil-lum,

2. Matul dan il-perjodu:

1. il-ħati għandu jġib ruħu tajjeb, joqgħod għad-direttivi kollha tal-Uffiċjal tal-*Probation* maħtur lilu u jżomm dak il-kuntatt meħtieġ u mitlub mill-istess uffiċjal.

2. L- Uffiċjal tal-*Probation* maħtur għal dan l-iskop għandu jirrapporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-ħati kull sitt (6) xhur. F'tali rapport l-Uffiċjal għandu ukoll, wara li jkun ikkonsulta lill-Konsulent Psikjatra relattiv, jagħti informazzjoni lill-Qorti bil-progress tal-ħati fir-rigward tal-Ordni ta' Trattament illi ħarġet ukoll kontestwalment ma' din l-ordni.

3. Il-ħati għandu javża immedjatament lill-Uffiċjal tal-probation b'kull bdil li talvolta jagħmel fl-indirizz residenzjali tiegħu.

4. Il-ħati għandu jżomm ruħu f'kuntatt mal-Uffiċjal *tal-Probation* skond id-direttivi li jagħtih minn żmien għall-ieħor l-istess uffiċjal u għandu, jekk l-Uffiċjal tal-*Probation* ikun hekk irid, jirċievi żjarat tal-istess uffiċjal.

5. Il-ħati għandu joqgħod għal kull programm, ordni, inizjattiva u/jew direttiva tal-Uffiċjal tal-*Probation* intiżi li jgħinu lill-ħati biex ma jerġax jirrepeti r-reat jew jikkommetti reati oħra.

Il-Qorti qed tagħti ukoll din l-

## Ordni ta' Servizz fil-Kommunita'

taħt il-kundizzjonijiet segwenti:

1. L-Ordni hija sabiex il-ħati jwettaq **<u>mitt (100) siegħa</u>** xogħol/servizz fil-komunita' li jiġi assenjat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole liema xogħol/servizz għandu jsir taħt is-sorveljanza ta' Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita' taħt dawn il-kundizzjonijiet:

    1. Il-ħati għandu jġib ruħu tajjeb, joqgħod għad-direttivi kollha tal-Uffiċjal għas-Servizz fil-Komunita', jirraporta lil u jżomm dak il-kuntatt regolari u mitlub mill-Uffiċjal għas-Servizz fil-Komunita' maħtur lilu u jwettaq l-istruzzjonijiet kollha maħruġa lilu skont il-ħtieġa tal-każ u s-sitwazzjoni,

    2. Il-ħati għandu jirraporta lill-awtoritajiet rilevanti minn żmien għal żmien skont l-istruzzjonijiet maħruġa lilu mill-Uffiċjal għas-Servizz fil-Komunita',

3. Il-ħati għandu jwettaq b'mod soddisfaċenti dawk is-siegħat kollha ta' xogħol siewi fil-Komunita f'dawk il-ħinijiet u għal tul ta' dak iż-żmien kif speċifikat aktar 'il fuq,

4. L-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita' maħtur għal dan l-iskop għandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-ħati kull sitt xhur,

5. Il-ħati għandu javża immedjatament lill-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita' b'kull bdil li talvolta jagħmel fl-indirizz residenzjali tiegħu jew impjieg, kemm temporanju kif ukoll permanenti lill-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita',

6. Il-ħati għandu jżomm ruħu f'kuntatt mal-uffiċjal għas-Servizz fil-Komunita' skont id-direttivi li jagħtih minn żmien għall-ieħor l-istess Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita'; u partikolarment li huwa għandu, jekk l-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita' ikun hekk irid, jirċievi żjarat tal-istess Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita',

7. Il-ħati għandu jiffirma l-formola ta' ftehim ta' xogħol ta' servizz fil-komunita'.

F'każ li dawn il-kundizzjonijiet ma jiġux segwiti, issir denunzja, mill-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita' quddiem il-Qorti kompetenti.

TORDNA li kopja ta' din l-Ordni tingħata lil ħati u lid-Direttur inkarigat mill-Uffiċju tal-Probation Services u Parole ai termini tal-Artikolu 7(8) u 11(5) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Keith Felice**

| | |
|---|---|
| **V.G. Axiak** | **Y. M. Pace** |
| **Maġistrat** | **Dep. Reġistratur** |

Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## KUMPILAZZJONI NRU 377/2020: IL-PULIZIJA (SPETTUR MARIO XIBERRAS, SPETTUR JOANNA PISCOPO) V. KEITH FELICE (KI. 422289M)

MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**8 ta' Novembru 2021**

IL-QORTI,

qegħda tqis li jkun espedjenti li bl-iskop li tipprovdi għas-sigurtà tal-persuni hawn isfel indikati, tagħmel

**Ordni ta' Trażżin**

taħt il-kundizzjonijiet t'hawn taħt:

1. L-Ordni hija għall-perjodu ta' **tlett snin**,

2. Il-ħati qed jiġi pprojbit milli:

    a. javviċina jew b'xi mod isegwi l-movimenti ta' **Lindsay Magri (KI. 361588M) u Nicole Rose Caruana (KI. 262401L)** ("il-persuni protetti");

    b. jaċċedi ġewwa fond fejn il-persuni protetti jgħixu, jaħdmu jew jiffrekwentaw,

    c. jikkuntattja direttament jew indirettament jew jimmolesta lill-persuni protetti.

3. Jekk mingħajr skuża raġonevoli l-ħati jikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu f'din l-Ordni huwa jkun ħati ta' reat u jeħel, meta jinstab ħati,

multa ta’ sebat elef euro (€7,000) jew priġunerija ta’ mhux iżjed minn sentejn jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

4. Il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti ta’ din l-Ordni u l-konsegwenzi legali f’każ li huwa jikser xi kundizzjoni tad-digriet imsemmi.

Tordna li din l-Ordni tiġi kkomunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija.

**Keith Felice**

**V.G. Axiak** | **Y. M. Pace**

**Maġistrat** | **Dep. Reġistratur**